Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2026
(OR. en)

14948/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0333(NLE)

AELE 95
FL 54
ISL 63
N 95
MI 1067
ENER 698

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/…

ta' …

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea2 (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Huwa xieraq li r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146[3], (UE) 2022/132[4], (UE) 2024/264[5] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2169[6] jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

---

2 ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.

3 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146 tas-26 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, l-istatistika ta' kull xahar u l-istatistika ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2146/oj).

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132 tat-28 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, rigward l-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, ta' kull xahar, u fuq żmien qasir dwar l-enerġija (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 208, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/132/oj).

5 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/264 tas-17 ta' Jannar 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija, rigward l-implimentazzjoni tal-aġġornamenti għall-istatistika annwali, ta' kull xahar, u ta' kull xahar fuq żmien qasir dwar l-enerġija (ĠU L 2024/264, 18.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/264/oj).

6 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2017/2169 tal-21 ta' Novembru 2017 dwar il-format u l-arranġamenti għat-trażmissjoni tal-Istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku skont ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2169/oj).

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.

(5) L-att previst se jorbot lill-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

(6) Huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill
Il-President